**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 29 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 349/2019 AF**

**Denis Aljush**

**vs**

**Kunsill Mediku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Denis Aljush, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti huwa ta' nazzjonalità Macedonjana izda ilu residenti f'Malta ghal dawn l-ahhar hames snin. F'dan iz-zmien huwa zzewweg persuna ta' nazzjonalità Maltija.

L-esponenti studja gewwa l-Università "Goce Delchev" – Sthip, Faculty of Medical Sciences gewwa l-Macedonja fejn huwa studja u ghandu kwalifiki fil-qasam tal-bijologija u "*surgery with gynaecology and obstetrics with care*", u dan kif jidher mill-anness certifikat mahrug mill-istess Università (mmarkata bhala Dok. A).

Il-kwalifiki tieghu gew rikonoxxuti mic-Centru Malti ghar-Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni u mill-Università ta' Malta, fejn l-istess esponenti qieghed ikompli l-istudji tieghu permezz ta' Masters Degree; (Dokumenti ta' Rikonoxximent annessi u mmarkati bhala Dok. B).

Meta l-esponenti applika mal-Kunsill Mediku Malti sabiex jigi mnizzel fir-Registru ta' Prattikanti Medici, l-Kunsill Mediku ma ta l-ebda risposta. L-esponenti interpella lill-Kunsill Mediku diversi drabi sabiex jigi moghti risposta, izda s'issa l-Kunsill Mediku baqa' skiet.

A bazi tal-fatt li l-kwalifiki tal-esponent gew rikonoxxuti mic-Centru Malti ghar-Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni u mill-Università ta' Malta, l-applikazzjoni tal-esponent mal-Kunsill Mediku ghandha tkun sufficjenti sabiex ismu jkun miktub fir-Registru ta' Prattikanti Medici, u ghalhekk il-fatt li ma nghatax risposta, l-Kunsill qieghed imur kontra l-ligi skond il-Kapitlu 464 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll qed ikun diskriminatorju.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li n-nuqqas ta' risposta mill-Kunsill Mediku wara l-applikazzjoni tal-attur sabiex ismu jigi mnizzel fir-Registru tal-Prattikanti Medici hija ingustizzja, diskriminatorja u tmur kontra l-ligi.

2. Tordna lill-intimat Kunsill Mediku sabiex jirregistra lill-attur fir-Registru ta' Prattikanti Medici f'Malta, u li jaghmel dan fi zmien qasir u perentorju skond kif tordna din l-Onorabbli Qorti.

3. Tiddikjara lill-Kunsill Mediku intimat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur fiz-zmien li huwa ma nghatax risposta ghall-applikazzjoni tieghu.

4. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

5. Tikkundanna lill-Kunsill Mediku intimat ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attur f'dik is-somma kif likwidata minn din l-istess Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, kontra l-intimat Kunsill Mediku li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kunsill Mediku intimat, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

In linea preliminari, r-rikorrenti jinsab *ultra vires* ghar-raguni illi qabel ma wasal sabiex jipprezenta l-kawza odjerna kellu jezawrixxi rimedji ohrajn, specifikament dak ta' appell migjub quddiem il-Kumitat tal-Appelli kif inhu dettat f'Artikolu 49 ta' Kapitolu 464 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rigward il-fatti esposti fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici, r-rikorrenti qabel xejn irid igib prova illi l-istess ilu residenti f'Malta ghal dawn l-ahhar hames snin u li huwa mizzewweg persuna ta' nazzjonalità Maltija.

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni surreferita, r-residenza u l-fatt li huwa mizzewweg ma' persuna ta' nazzjonalità Maltija, ma taghmel l-ebda differenza.

Il-fatti dikjarati fit-tieni paragrafu mhux qed jigu kontestati.

Il-fatti dikjarati fit-tielet paragrafu mhux qed jigu kontestati.

Il-fatti esposti fir-raba' paragrafu qed jigu kontestati *in toto* stante li l-Kunsill Mediku mhux talli wiegeb lill-intimat imma talli wiegeb l-ittra ufficcjali tar-rikorrenti permezz ta' ittra ufficcjali

risponsiva bin-numru ta' referenza 1235/2019 datata 1 ta' April 2019 (kopja tal-ittra ufficcjali hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. A') u ghaldaqstant, l-istess Kunsill Mediku ma kien bl-ebda mod diskriminatorju u/jew ingust fil-konfront tar-rikorrenti stante illi kuntrarjament ghal dak pretiz mir-rikorrenti, l-intimat ta raguni u spjegazzjoni cara ghaliex isem ir-rikorrenti ma giex imnizzel fir-registru tal-Kunsill Mediku.

Dak sottomess mill-attur fil-hames paragrafu qieghed jigi kontestat u dan ghar-raguni li l-kwalifici li jippossjedi r-rikorrenti ma humiex sufficjenti skond il-ligi sabiex ismu jkun mnizzel fir-Registru ta' Prattikanti Medici ghar-ragunijiet segwenti:

> Illi l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 464 tal-Ligijiet ta' Malta jirrikjedi li sabiex persuna tigi rregistrata fir-Registru Mediku, din it-tali persuna ghandha jkollha kwalifika fil-Grad ta' Duttur fil-Medicina u Kirurgija mill-Università ta' Malta, jew xi wahda mill-kwalifiki elenkata fit-Tieni Skeda tal-istess Kapitolu, jew kwalifika rikonoxxuta ghal dak il-ghan minn xi Stat Membru, miksuba minn Kullegg Universitarju, jew Skola Medika.
>
> Illi l-kwalifika tar-rikorrenti tikkonsisti f'Primary Medical Decree miksuba mill-Macedonia u cioè pajjiz li mhuwiex Membru Stat tal-Unjoni Ewropea.
>
> Illi din il-kwalifika surriferita giet rikonoxxuta li taqa' fil-livell 6 tal-Qualification Framework, mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC), u ghalhekk mhijiex tal-livell 7, u cioè l-livell li tissodisfa l-kwalifika Maltija.
>
> Il-ligi surreferita tirrikjedi kwalifika f'dan il-livell ta' edukazzjoni, sabiex persuna tkun tista' tigi rregistrata fir-Registru Mediku.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-definizzjoni ta' "prova ta' kwalifiki formali" kif inhi dedotta fil-Kapitlu 464 tal-Ligijiet ta' Malta tispjega kif:

> *"prova ta' kwalifiki formali mahrugin minn pajjiz terz ghandhom jitqiesu bhala prova ta' kwalifiki formali jekk id-*

*detentur ikollu tliet snin ta' esperjenza formali fil-professjoni involuta fit-territorju tal-Istat Membru li jkun irrikonoxxa dik il-prova ta; kwalifika formali, certifikata minn dak l-Istat Membru."*

Fuq dan il-punt, ir-rikorrent mkien ma prova illi ghandu mill-inqas tliet snin ta' esperjenza formali fil-professjoni involuta f'territorju ta' xi stat membru li rrikonoxxa l-kwalifika tieghu u ghalhekk, il-Kunsill Mediku ma seta qatt jirregistra lir-rikorrent, gialadarba ma ssodisfax ir-rekwiziti dedotti fil-ligi nostrana.

It-talbiet tal-attur fil-konfront tal-intimat Kunsill Mediku huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda dannu ma sehh u/jew gie kkawzat minhabba xi nuqqasijiet attribbwibbli lil Kunsill Mediku.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-intimat umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti maghmula fir-rikors promotur (349/2019 AF) u filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet preliminari kollha jew in parte u/jew l-eccezzjonijiet l-ohra migjuba mill-esponenti, u dan taht dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti illi qieghed minn issa jigi ngunt in subizzjoni.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kunsill intimat.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kunsill intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jattakka d-deċiżjoni tal-Kunsill intimat meta naqas milli jniżżel isem l-attur fir-Reġistru Mediku stabbilit skont l-Att Dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, Kapitolu 464 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minkejja li l-ebda parti ma ddikjarat fuq liema artikolu tal-liġi qiegħda tibbaża t-talbiet u l-eċċezzjonijiet tagħha, il-Qorti jidhrilha li din hija kawża għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Il-provi huma kemmxejn skarsi. Mill-atti jirriżulta li l-attur huwa ċitaddin tal-Maċedonja. Huwa studja fil-'Medical University' ta' Sofia, Bulgarija, speċifikament fil-Fakultà tal-Mediċina. Huwa ppreżenta '*Transcript of Records*' ta' '*semester*' wieħed f'din l-Università. Għalkemm jgħid li huwa studja u għandu kwalifiki fil-qasam tal-bioloġija u '*surgery with gynaecology and obstetrics with care*' huwa ma ġab l-ebda prova f'dan is-sens u lanqas li huwa fil-fatt iggradwa bħala tabib jew xi prattikant mediku ieħor.

Il-Qorti kienet tistenna li ż-żewġ partijiet f'din il-kawża jippreżentaw l-aħjar prova sabiex isostnu t-talbiet u eċċezzjonijiet tagħhom. L-ewwel nett, l-ebda parti ma ppreżentat kopja tal-applikazzjoni jew rikjesta li għamel l-attur mal-Kunsill intimat flimkien mad-dokumentazzjoni kollha neċessarja sabiex isostni t-talba tiegħu. Il-Qorti hija perplessa wkoll kif l-attur lanqas ippreżenta prova tal-kwalifiki li jgħid li għandu, rikonixxuti, skont hu, kemm skont il-liġijiet lokali kif ukoll tal-Unjoni Ewropea. Il-Qorti qiegħda tgħid dan għaliex skont iċ-ċertifikat a fol. 5 tal-proċess, maħruġ mill-Kummissjoni Nazzjonali Għal Edukazzjoni Avvanzata u Għola, l-attur għandu l-kwalifika konsistenti f'Diploma ta' Infermier, MQF/EQF komparabbli għall-livell 4 tal-*Qualification Framework* u mhuwiex kwalifikat bħala prattikant mediku.

L-attur jgħid li huwa talab lill-Kunsill intimat sabiex ismu jiġi mniżżel fir-Reġistru Mediku (u allura tat-tobba) imma li l-Kunsill ma tah l-ebda risposta. Huwa jikkontendi li għandu l-kwalifiki kollha neċessarji sabiex ismu jitniżżel fl-imsemmi reġistru u li allura n-nuqqas ta' risposta da parti tal-Kunsill intimat imur kontra l-provvedimenti tal-Kap. 464. Isostni wkoll li l-Kunsill aġixxa b'mod diskriminatorju fil-konfront tiegħu.

Huwa qiegħed għalhekk jitlob lill-Qorti tordna lill-Kunsill intimat sabiex jinkludih fl-imsemmi reġistru u kif ukoll likwidazzjoni u ħlas ta' danni li jgħid li sofra minħabba l-aġir tal-Kunsill intimati.

Din is-sentenza hija limitata għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kunsill intimat li permezz tagħha eċċepixxa li l-attur jinsab *ultra vires* għaliex minflok ipproċeda b'din il-kawża huwa kien imissu eżawrixxa rimedji oħra, senjatament billi jintavola appell quddiem il-Kumitat tal-Appelli kif inhu dettat f'artikolu 49 tal-Kap. 464.

Għandu qabel kollox jiġi ċċarat illi l-kunċett tal-*ultra vires* fl-isfond ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv jirreferi għal meta diskrezzjoni ma tiġix eżerċitata mill-entità konċernata fil-limiti tal-poteri statutorji li jikkonferixxi l-istess diskrezzjoni jew jekk dak l-att ta' diskrezzjoni ma jkunx ezerċitat bil-formalitajiet preskritti jew mill-awtorità kompetenti investita bih mil-liġi. Għalhekk, ir-riferenza li jagħmel il-Kunsill intimat għall-kunċett tal-*ultra vires* fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu hija waħda żbaljata.

Ippreċiżat dan il-punt, l-artikolu 469A(4) tal-Kap. 12 jagħti lill-Qorti d-diskrezzjoni li ma terżerċitax il-poter tagħha u tisma' l-kawża meta jiġi pruvat li l-attur kellu rimedju ordinarju xieraq u effettiv.

Sabiex jiġi interpretat ġustament, dan is-subartikolu m'għandux jingħata interpretazzjoni restrittiva. L-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti, biex tistħarreġ l-għemil amministrattiv, tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaċi u adegwat verament disponibbli għaliha u hija irraġjonevolment ma utilizzatx tali proċeduri disponibbli. (Ara Bunker Fuel Oil Company Limited et vs Paul Gauci et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Mejju 1998, Dr Philip Galea et vs Tigné Development Co. Ltd. et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Marzu 2004 u Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorità tad-Djar et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Jannar 2004).

Il-ġurisprudenza tgħallem fis-sens li fejn il-liġi speċjali tipprovdi rimedju xieraq u effikaċi ta' '*judicial review*', allura l-istħarriġ tal-għemil amministrattiv mill-Qorti ma jistax iseħħ (Il-Perit Austin

Attard Montaldo noe vs Chairman tal-Awtorità tal-Ippjanar, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Awwissu 1996).

Kif ġie rilevat ukoll fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet John Cauchi vs Chairman Awtorità tal-Ippjanar, tal-5 ta' Ottubru 2001, ġialadarba l-liġi speċjali kkrejat makkinarju u proċeduri *ad hoc* biex wieħed ikun jista' appożitament jikkontesta xi deċiżjoni u/jew xi għemil amministrattiv li bihom iħossu aggravat, allura l-Qorti ordinarja hi svestita, skont l-artikolu 469A(4), milli tistħarreġ ġudizzjarjament id-deċiżjoni amministrattiva, billi dak l-istħarriġ hu riżervat *ex-lege* lill-Bord speċjali.

Finalment, din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Jane Gatt vs Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et, tal-24 ta' April 2013 qalet hekk:

> *"Illi l-kwestjoni m'hijiex waħda faċli jew sempliċi, għaliex bosta drabi r-rimedju mogħti minn liġi dwar deċiżjonijiet ta' korp statutorju ma jkunx l-istess f'kull każ. Mhux hekk biss, imma xi minn daqqiet, il-liġi tagħti jedd ta' appell wiesgħa filwaqt li f'oħrajn tagħti jedd ta' appell limitat jew biss f'ċirkostanzi partikolari, bħal fejn appell jista' jitressaq biss wara d-deċiżjoni aħħarija jew biss bil-permess tat-tribunal li jkun ta d-deċiżjoni. Hija ħaġa xierqa għalhekk li aktar ma jkun limitat il-jedd tal-appell aktar għandha tibqa' fis-seħħ is-setgħa ta' din il-Qorti li tistħarreġ l-imġiba u d-deċiżjonijiet tat-tribunal li jkun. Għalhekk, id-determinazzjoni tal-kwestjoni tiddependi ħafna mill-għamla ta' rimedju li jkun;*
>
> *....*
>
> *Illi f'dan ir-rigward huwa mgħallem ukoll mill-awturi li "One of the most common grounds upon which permission to apply for judicial review is refused is that an applicant has failed to pursue a more appropriate method of pursuing the grievance. For the court to require the alternative procedure to be exhausted prior to resorting to judicial review is in accord with judicial review being very properly regarded as a remedy of last resort. It is important that the process should not be clogged with unnecessary cases which are*

*perfectly capable of being dealt with in another tribunal. It can also be the situation that Parliament, by establishing an alternative procedure, indicated either expressly or by implication that it intends that procedure to be used. In exercising its discretion the court will attach importance to the indication of Parliament's intention and the general policy of the CPR to encourage alternative dispute resolution. A third reason for requiring an alternative procedure to be used is that the alternative body may have a special expertise in determining the issues involved. … The applicant will not however be required to resort to some other procedure if that other procedure is less convenient or otherwise less appropriate. The other body may for example lack the power to deal with the issue. The other procedure may be less expeditious and if a matter is urgent the court may allow the application to proceed. Where the alternative procedure is an appeal, this will usually indicate that it is more appropriate, as the powers on the appeal are likely to be at least as extensive as those of the court and the appeal procedure will usually include machinery which ensures that the proper material is available for the purpose of determining the appeal. It is also necessary to distinguish the situation where the existence of a second tier appeal cures a defect in the previous procedures - for example, where a subsequent appeal provides the required degree of fairness which was missing from the original procedure. Here again no question of discretion is involved. (DeSmith, Woolf & Jowell Principles of Judicial Review paġġ. 565 – 7).”*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, il-Qorti qieset li l-artikolu 49 tal-Kap. 464 jistabilixxi l-Kumitat tal-Appelli għall-professjonijiet tal-kura mediċi. A tenur tal-artikolu 49(3), waħda mill-funzjonjiet ta’ dan il-Kumitat huwa li:

*“meta ssir applikazzjoni għaldaqstant mill-persuna involuta, li jisma’ u jiddeċiedi dwar deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti li biha tiġi miċħuda r-reġistrazzjonità professjonist fil-kura medika fir-reġistru adatt.”*

Skont is-sub artikolu sussegwenti, appell quddiem il-Kumitat tal-Appelli għandu jiġi ppreżentat fi żmien perentorju ta’ għoxrin

jum mid-deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Kumitat tal-Appelli għandu s-setgħa li jikkonferma, iħassar jew jirrevoka b'kondizzjonijiet jew mingħajrhom, u li jissostitwixxi kull deċiżjoni tal-Kunsill Mediku għar-reġistrazzjoni ta' professjonist fil-kura medika fir-reġistru adatt (artikolu 49(8)).

Jirriżulta mill-atti li fil-fatt, fil-każ tal-attur, il-Kunsill Mediku kkomunika d-deċiżjoni tiegħu li ma jinkludix lill-attur fir-reġistru in kwistjoni permezz ta' *e-mail* tad-9 ta' Frar 2015.

F'din l-*e-mail* l-attur ġie nfurmat illi l-Kunsill Mediku kien ikkunsidra l-applikazzjoni tiegħu għal reġistrazzjoni u li skont il-provvedimenti tal-Kap. 464 u tad-Direttiva tal-UE 2005/36/EC kif ukoll skont il-*policy* tal-Kunsill, applikanti li ma jkunux ċittadini tal-UE li jkunu qegħdin japplikaw permezz ta '*non-EU first degree*' iridu jgħaddu minn eżami għall-prattikanti mediċi msejjaħ '*Medical Council Malta Statutory Examination*'. Huwa ġie nfurmat li seta' jagħmel dan l-eżami darbtejn biss. Fl-istess *e-mail* huwa ġie mgħarraf ukoll illi seta' jappella d-deċiżjoni tal-Kunsill li ma jniżżilx ismu fir-reġistru fi żmien għoxrin jum minn dakinhar a tenur tal-Kap. 464 billi jibgħat *e-mail* lis-segretarju tal-Kumitat tal-Appelli fuq l-*e-mail address* provdut. Il-Qorti ma tifhimx kif allura l-attur qiegħed jippretendi li qatt ma ngħata tweġiba għat-talba tiegħu sabiex ismu jitniżżel fuq ir-Reġistru Mediku.

Fil-5 ta' Marzu 2015 l-attur bagħat *e-mail* lil Dr. Ivan Sammut li dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' segretarju tal-Kumitat tal-Appelli fejn talab sabiex l-applikazzjoni tiegħu terġa tiġi kkunsidrata peress li huwa kien studja kemm il-Bulgarija kif ukoll l-Amerika. Dr. Sammut wieġeb għal din l-*e-mail* fit-13 ta' Marzu 2013 u talab lill-attur jibgħatlu l-ittra ta' rifjut li rċieva mingħand il-Kunsill Mediku kif ukoll ħlas amministrattiv ta' €128.20 li kellu jitħallas fi żmien għaxart'ijiem minn dakinhar. Dan il-ħlas ma sarx u allura l-appell waqa'.

Jidher li minflok ipproċeda bl-appell, l-attur mar għall-eżami tal-Kunsill Mediku dakinhar tas-16 ta' Settembru 2015. Dakinhar stess huwa ġie nfurmat permezz ta' *e-mail* li ma kienx ghadda. Minkejja li fl-iskambju sussegwenti ta' *e-mails* mal-Kunsill intimat huwa wera x-xewqa li jerġa jagħmel l-eżami kif kellu dritt

illi jagħmel, jirriżulta li baqa’ qatt ma rega resaq ghall-ezami. Huwa ghalhekk għadu jista’ jagħmel l-eżami darb’oħra.

Fis-6 ta’ Diċembru 2016 huwa bagħat *e-mail* oħra lill-Kunsill fejn talabhom jikkunsidraw l-applikazzjoni tiegħu mill-ġdid stante li huwa kien ilu kważi tlett snin li ssieħeb f’unjoni ċivili ma’ ċittadin Malti. Mill-atti ma jirriżultax jekk kellux tweġiba għal din l-*e-mail*.

L-attur għażel li ma jixhedx f’din il-kawża. Mill-provi jidher li huwa reġa bdielu dwar l-appell mid-deċiżjoni tal-Kunsill Mediku tant illi abbandunah u minflok mar għall-eżami skont l-istruzzjonijiet tal-Kunsill. Altru milli l-Kunsill ma tahx risposta.

Ried jew ma riedx jappella, il-Qorti hija sodisfatta li l-attur kellu rimedju effettiv u disponibbli għalih sabiex jindirizza l-ilment tiegħu li l-Kunsill intimat irrifjuta li jniżżel ismu fuq ir-Reġistru adatt.

Il-fatt li l-attur għażel jew naqas li jinqeda b’dak ir-rimedju ma jnaqqas xejn mid-disponibilità li dak iż-żmien huwa kellu tal-istess rimedju. L-eżistenza ta’ dak ir-rimedju, bil-possibilitajiet li jagħti lil min jinqeda bih, ineħħi s-setgħa ta’ din il-Qorti li tistħarreġ f’dan l-istadju d-deċiżjoni mogħtija mill-Kunsill intimat mhux daqstant għaliex dik id-deċiżjoni kienet waħda finali, daqskemm għaliex ir-rimedju alternattiv disponibbli kien wieħed sħiħ u komprensiv.

Jekk l-ilment tal-attur jirreferi għall-fatt illi huwa ma ngħatax tweġiba u ma ġiex awtomatikament ikkunsidrat bħala kwalifikat bħala prattikant mediku abbażi tal-fatt li huwa kien issieħeb f’unjoni ċivili ma’ ċittadin Malti, il-Qorti tirrileva li dan l-*istatus* tiegħu ma jiswa xejn għal finijiet tat-talba tiegħu sabiex ismu jitniżżel fuq ir-reġistru mediku għaliex l-artikolu 11 tal-Kap. 464 jgħid ċar u tond illi irrispettivament miċ-ċittadinanza tal-applikant jew tal-konjuġi tiegħu, huwa jeħtieglu (naturalment) ikun kwalifikat sabiex jitniżżel fir-reġistru u jekk il-kwalifiki tiegħu ma jkunux rikonoxxuti minn xi stat membru, u jidher li l-kwalifiki tal-attur fil-fatt ma kienux hekk rikonoxxuti, il-Kunsill Mediku jista’ jeħtieġ lill-applikant jagħmel u jgħaddi minn eżami ta’ profiċjenza professjonali u lingwistika.

Fuq kollox, il-Qorti tqis illi l-attur assolutament ma rnexxilux jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu għaliex quddiem din il-Qorti ma ressaqx l-iċken prova li huwa fil-fatt kwalifikat bħala prattikant mediku.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kunsill Mediku u għaldaqstant, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.

IMHALLEF

DEP/REG